# ESPRIT BARTHET (1919-1999) U L-KWADRI TIEGĦU FIL-FLORIANA

minn Joseph R. Gatt



ESPRIT BARTHET 1919-1999

ESPRIT BARTHET, wieħed mill-aktar pitturi prominenti f'Malta fl-aħħar ħamsin sena tas-seklu għoxrin, twieled il-Belt Valletta nhar it-Tlieta 6 ta' Ottubru 1919. Missieru kien il-Prokuratur Legali Camillo u ommu Giuseppina, xebba Grixti, għammduh l-għada fil-knisja ta' Porto Salvo ( ta' San Duminku) il-Belt stess u tawh l-ismijiet HESPRIT JOSEPHUS, Antonius, Carmelus, Francescus, Timoleon, Domenicus u Vincentius. Għammdu l-Viċi-Kappillan Patri Constantinus Camilleri O.P., waqt li parrini kienu n-nanniet tiegħu Carmelu Grixti u Concetta Barthet.

Esprit kellu erba' ħutu oħra, tliet subien u tifla. Esprit kien il-kbir fosthom. Esprit jgħid li missieru Camillo kien jgħid li l-orġini tal-familja ġej minn Marsilja. Il-bużnannu Renè Barthet kien ġie Malta meta Napuljun ġab miegħu l-aqwa artiġjani. Renè kien wieħed minnhom.

Fil-25 ta' April 1944, Esprit iżżewweġ lil Therese (Tessie) bint Carmelo Borg u Maria neè Micallef, imwielda B'Kara. Għall-ewwel waqqaf il-familja tiegħu fil-Belt fejn hemm ukoll kellu l-istudju tiegħu. Kellhom sitt itfal, tlieta subien u tlieta bniet. L-aħħar residenza tiegħu kienet "Chateau de Artistes' fis-Swieqi. Miet fl-4 ta' Lulju 1999 ta' 79 sena. Sa jumejn qabel kien fl-istudju tiegħu quddiem il-kavallett ipitter kwadru li baqa' mhux lest.



L-aħħar residenza tiegħu

*TAGĦLIM U TAĦRIĠ*

Hu ħa t-tagħlim tiegħu fil-Liceo Umberto Primo u fil-Kulleġġ Flores. Kiseb l-ewwel taħriġ fid-disinn u l-pittura, bħal ħafna oħra ta' żmienu, mill-iskola ta' l-arti tal-Gvern, fi Triq l-Ifran, il-Belt. Kien fl-1930 fejn hemm iltaqa' u tħallat ma' żgħażagħ bħalu oħra, fosthom Willie Apap (1918-1970), Anton Inglott (1915-1945) u Emvin Cremona (1919-1987) mimlija kollha ħeġġa li jimxu 'l quddiem fl-istudji tagħhom u jiksbu isem. Dawn kollha rnexxew u ħallew xogħlijet tajbin sewwa. Fi żmienu l-Iskola ta' l-Arti kienet immexxija mill-pittur Edward Caruana Dingli (1876-1950) u minn ħuh Robert (1882-1940). Fl-1936 Esprit beda jattendi flimkien ma' xi whud minn sħabu "La Scuola del Nudo" imwaqqfa mill-iskultur u pittur Josef Kalleja (1898-1998). B'xorti ħażina din il-klassi sabet oġġezzjoni qawwija u kellha ħajja qasira (1935-1936) u għalqet.

Matul daż-żmien, dawn l-istudenti/artisti bdew jaċċettaw xogħlijiet żgħar, imħallsa bi ftit flus. Esprit innifsu jirrakkonta li hu u Willie Apap kienu jmorru Bormla għand ċerta "benefattriċi", is-Sinjura Lisa Brincat, biex ippittrulha diversi kwadri. Kienet tħallashom bejn tmintax irbigħi (12c5) u ħames xelini (25c) kull darba. Kien ħlas tajjeb ħafna għalihom meta kienu nieqsa mill-flus.

## *STUDJA BARRA MINN MALTA*

Fl-1938 kompla jistudja fir- "Regia Accademica di Belle Arti" f'Ruma, dak iż-żmien kienet immexxija mill-Professur Carlo Siviero (1882-1954). Siviero ħalla influwenza kbira fuq Barthet. F'din l-Akkademja tħarġu diveri artisti oħra Maltin, fosthom Emvin Cremona. Ħin bla waqt u li b'diżappunt kbir għalih Esprit kellu jħalli Ruma minħabba l-Gwerra Dinjija 1939/1945 u ġie lura Malta ftit qabel ma Malta ddaħħlet fil-gwerra. Bħal ħafna żgħażagħ oħra Maltin inqabad bil-lieva għal erba' snin.
Matul il-gwerra sab ħin biex ipitter diversi "still-lifes", pajsaġġi u ritratti ta' wħud minn sħabu s-suldati u xi kapijiet tiegħu għax kien qatagħha li jkompli jistudja u jesperementa waħdu.
Fl-1959 ħa 'Scholarship" u mar fl- "Academy of Arts" f'Bath, fl-Ingilterra. Hemm issokta sewwa fl-istudji tiegħu speċjalment lil Cezanne u kompla jisperementa fil-Kuliżmu, ir- "Rooftoops" u l-astratt li ġa kellu bidu tagħhom. Dak li tgħallem baqa' dejjem jiżviluppah tul ħajtu kollha. F'Bath dam sal-1960.

## *GĦALLIEM TA' L-ARTI*

Kien fl-1957 meta ġie impjegat bħala għalliem ta' l-arti mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Kien jgħallem fil-Liceo, fil-Junior College fis-VIth Form u fil-Politeknika u fl-Iskola ta' l-Arti (1961). Diversi artisti tal-lum jafu t-tagħlim tagħhom u l-influwenza tiegħu fuqhom lilu. Dan it-tagħlim kien jeħodlu l-ħin kollu tal-ġurnata, imma sab ħin biex ipinġi wara x-xogħol u fi tmiem il-ġimgħa. Baqa' jgħallem sal-1979. Wara kellu aktar ħin għad-dispożizzjoni tiegħu għall-pittura.

## *WIRJIET TA' ESPRIT BARTHET*

Kellu diversi wirjiet tax-xogħlijiet tiegħu, kemm personali kif ukoll ma' artisti oħra. Minn dawn kollha nsemmi biss uħud:- wirjiet personali - 1936 fil-Grand Studio - Valletta; 1950 - f'Palazzo de la Salle u fl-1952 fil-Bibljoteka Nazzjonali. Fl-Auberge de Provence fl-1961 u oħra fl-1969; fil-Mużew ta' l-Arti fl-1974; 1977, u 1986, fil-Katidral tal-Mużew, Mdina fl-1988. Wara li miet kellna żewġ wirjiet oħra, waħda fl-2000 fil-Mużew ta' l-Arti u oħra fl-2001 fil-Bank of Valletta, f'San Ġiljan.
Fost uħud mill-wirjiet kollettivi hemm dik ta' l-1933 ma' Robert Caruana Dingli u Karmenu Micallef u l-istudenti sħabu Tusè Busuttil u Ġużeppi Arcidiacono, fil-Grand Studio, il-Belt. Fl-1994 - "Contemporary Sacred Art in Malta" u fl-1996 "Contemporary Christian Art in Malta", it-tnejn fil-Mużew tal-Katidral ta' l-Imdina. Fl-1995 "Women in Maltese Art" fl-Auberge de Provence.
Barra minn Malta ħa sehem f'wirjiet kollettivi oħra fosthom:- Ġenerali ta' l-UNESCO fi Tripli, fi Vjenna, Awstrija, f'Edinburgh u fil-Ġermanja. Ix-xogħlijiet tiegħu dejjem ġew milqugħin tajjeb u mfaħħra. Il-pittura tiegħu nnifsu (Auto-ritratt) kien milqugħ fil-Uffizi Gallerija ta' Firenze, Italia (1982).

## *XI XOGĦLIJIET TA' BARTHET*

Bħala pittur ritrattista ma setax li ma jpittirx lilu nnifsu, il-martu, 'l uliedu u membri oħra tal-familja fosthom ukoll omm il-mara tiegħu, is-sinjura Mary Borg (1945). Anżi pittirhom b'sodisfazzjon kbir għalih u għalihom, bosta drabi u ta' etajiet differenti. Pitter lil xi wħud minn ħbiebu u lil uliedhom fosthom lin-Nutar Vincenzo Pellegrini, il-martu Josephine u wliedhom; pitter lill-pittur Ġużeppi Arcidiacono (1938), l-iskultur Vincenzo Apap (1991), lill-Patri Marius Zerafa O.P. (1963), il-Patri Serafin Zarb u membri oħra ta' l-Ordni Dumnikana u Ordnijiet Reliġjużi oħra. Pitter lill-Kanonku Vincenzo Azzopardi (1957), id-Direttur ta' l-Edukazzjoni Dr Albert Laferla (1957), lill-kittieb u poeta Ġużè Chetcuti, lill-Patri Gużè Delia lill-Dun Ġorġ Preca (illum, Beatu), lill-Arċisqof Mikiel Gonzi (1954) u membri oħra tal-Knisja.
Monn fost il-Prim Ministri ta' Malta pitter lil Dr Enrico Mizzi (1954) lil Dr Ġorġ Borg Olivier (1953) u lil Dr Karmenu Mifsud Bonnici (1989).
Xogħlijiet oħra huma l-Imħallef Ant. Montanaro Gauci, Sir Anthony Mamo (1966) Prim Imħallef, (wara Gvernatur Ġenerali u l-ewwel President ta' Malta); lit-tabib Ċensu Tabone (1989) President ta' Malta lil Dr

Anton Buttigieg, President ta' Malta u lil Dr Ugo Mifsud Bonnici, President ta' Malta.
Insibu wkoll li pitter l-ewwel Gvernatur Ġenerali ta' Malta Indipendenti Sir Maurice Dorman (1965), lil Lady Dorman u t-tfal tagħhom. Hemm ukoll il-Gvernatur Sir Robert Laycock u Miss Mable Strickland u bosta persunaġġi prominenti oħra. L-aħħar u mhux l-inqas il-Marì tal-Bajd tax-Xemxija (1964) kwadru li kien għal qalbu ħafna.

*ARTI SAGRA*
Xogħlijiet oħra tiegħu, din id-darba ta' natura reliġjuża narawhom fil-knisja tal-Patrijiet Konventwali u f'tal-Karmnu, it-tnejn fil-Belt, il-Beatu Massimiljanu Kolbe; il-Beatu Franġisku Fasini; Sta. Rita fil-knisja ta' Santa Rita f'San Ġiljan, ta' San Ġorġ, il-Kunċizjoni u Kristu Rxoxt f'Ta' l-Ibraġġ. Kristu mejjet fuq is-salib (1981) fil-Knisja tal-Porzunkola (ta' l-Anġli) f'Baħar iċ-Ċagħaq; oħrajn fil-Kappella tal-Ġiżwiti, Naxxar; fil-Parroċċa ta' Pembroke u f'ta' Marsaxlokk. Għad-Dipartiment pitter Qalb ta' Ġesù (1951) u Qalb ta' Marija (1952).

*BOLLI POSTALI*
Għal darbtejn l-Awtorità tal-Posta ta' Malta ikkomissjonatu biex jitfakkru personaġġi Maltin bi ħruġ ta' Bolli Postali. Dawn kienu Mons. Ġuż DePiro fl-1983 u l-Venerabbli Nazju Falzon (illum Beatu), il-Mons. Isidorju Formosa, Sir Luigi Preziosi, Patri Anastasio Cuschieri u Patri Pietru Pawl Saydon. Dawn ħarġu fl-1988. B'dawn il-Bolli Posta isem Esprit Barthet (għalkemm ismu ma jidhirx fuq il-Bolli) infirex mad-dinja tal-Filatelija.

*ESPRIT BARTHET FIL-FLORIANA*
Minn ittra ta' Patri Franġisku Azzopardi OFM Cap., li dehret fi "The Sunday Times" tal-21 ta' Mejju 2000, ħareġ għad-dawl ix-xogħlijiet ta' dan l-artist, li hemm fil-Kunvent tal-Patrijiet Kapuċċini tal-Floriana. Sirna nafu li hemm tmien (8) kwadri li juru Ministri Provinċjali li huma dawn:- Patri Bernard Galea, Patri Anton Dimech, P. Pietru Mamo, P. Timotju Attard, P. Crispin Galea, P. Fortunato Pulè, P. Franġisku Azzopardi u P. Ewsebju (Pawlu) Darmanin (illum Isqof ta' Garissa fil-Kenja). Kwadru ieħor juri l-Patri Kapuċċin Roberto Novella minn Eboli, (Italja). Il-kwadri tal-Ministri Provinċjali nsibuhom fil-Bibljoteka waqt li dawk ta' P. Franġisku Azzopardi u ta' P. Robert Novella narawhom fil-Mużew ta' l-istess Ordni.
Hawn hu tajjeb ta' min ifakkar li P. Franġisku Azzopardi kien il-fundatur ta' dan il-Mużew li b'interess kbir ġabar għadd ta' kwadri u oġġetti marbuta mal-ħajja u l-ħidma tal-Kapuċċini Maltin. Ħa ħsieb ukoll jikkommissjona lil Esprit Barthet biex jagħmel "impressjoni" ta' Patri Robert waqt l-Assedju tal-1565. Dal- Patri hu aktarx l-ewwel Kapuċċin barrani li ġie Malta fil-bidu tas-sena 1565, aktar minn għoxrin sena qabel ma twaqqaf l-ewwel kunvent tal-Kapuċċini f'Malta, fuq il-Għolja tad-Dokkara, dak iż-żmien barra mis-swar tal-Belt - illum il-Floriana.
Ma' dawn inżidu kwadru ieħor dak ta' l-Isqof Franġisk Fenech OFM Cap., (1969) missjunarju u l-ewwel Isqof ta' Jhansi fl-Indja. Dal-kwadru tlesta fl-1971 u jinsab fl-Awla tal-Laqgħat tad-Definitorju.

*KWADRI FIL-KNISJA TA' SAN PUBLJU*
B'żieda mat-tagħrif li tana P. Franġisku jiena kont semmejt fis-Sunday Times, 4 ta' Ġunju 2000, il-kwadri ta' Barthet li hemm fis-sagristija tal-knisja ta' San Publju. Kont issuġġerejt ukoll li tittella' wirja tal-kwadri kollha li jinsabu fil-Floriana. Dawn il-kwadri kienu ta' erba' Arċiprieti li mexxew il-Parroċċa. Il-kwadri huma:- Dun Angelo Ghigo (1931-1952), Dun Carmelo Xuereb (1960-1967) illum Vigarju Emeritus, Dun Alwiġ Debono (1967-1970) u Dun Salv Fenech (1970-1986) illum Monsinjur.


**DUN ANGELO GHIGO**

Minn dawn il-kwadri kollha fil-Floriana nsibu tlieta biss li huma persunaġġi Furjaniżi:- Patri Pietru Mamo, Dun Salv Fenech u l-Isqof Franġisku X. Fenech. Ma' dawn ma neskludix li hemm xi xogħlijiet oħra f'kollezzjonijiet privati fil-Floriana.

*ESPRIT BARTHET*

Għall-merti tiegħu fil-qasam tal-pittura, Barthet ġie maħtur Kavallier tar-Repubblika Taljana. Hekk ukoll għamlu l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann meta ħatru bħala Kavallier. Kien membru Onorarju tal- "Fondazzjoni Fra Poeti, Scrittori, Pittori e Giornalisti per la Pace nel Mondo" ta' Bern, Svizzera. Fl-1994 ir-Repubblika ta' Malta tagħtu l-Ġieħ ta' Membru ta' l-Ordni Nazzjonali tal-Mertu.



**DUN CARMELO XUEREB**

*L-AĦĦAR TISLIMA*

L-aħbar li miet dan il-pittur magħruf, dak in-nhar stess 4 ta' Lulju 1999 fuq il-mezzi tax-xandir u l-għada fil-ġurnali lokali, nisslet sogħba kbira mhux biss fil-familja tiegħu imma wkoll fost dawk kollha li kienu jafuh, jammirawh u ħadu t-tagħlim miegħu. Malta kienet tilfet artist ewlieni tant li l-Parlament tagħna ħass li kellu jfakkru u jsellimlu fl-ewwel laqgħa tiegħu (5-7-99) wara mewtu. Il-funeral tiegħu sar fis-6 ta' Lulju fil-knisja ta' Marija Immakulata f'Ta' l-Ibraġġ - quddiesa "presente cadavere" u l-aħħar talbiet b'sufraġju għal ruħu. Il-fdalijiet tiegħu tqiegħdu jistrieħu fiċ-Ċimiterju ta' Marija Addolorata, f'Raħal Ġdid, fil-qabar tal-familja.



**DUN SALV FENECH**

*GĦELUQ*

F'din il-kitba ppruvajt nuri fuq fuq min kien il-pittur Esprit Barthet, semmejt xi kwadri li pitter u b'liema kwadri rabat ismu mal-Floriana.
Il-figura tiegħu tibqa' ħajja fl-istorja tal-pittura f'Malta u fl-għadd kbir ta' xogħlijiet li ħallielna u jġibu l-firma - ESPRIT BARTHET.



**DUN ALWIĠ DEBONO**

*BIBLJOGRAFIJA:-*


1. Parroċċa Porto Salvo; Reġistru Pubbliku; Sta. Marija Addolorata Cemetery Records.
2. Ġurnali - The Times of Malta; the Sunday Times of Malta; The Times; In-Nazzjon; L-Orizzont; L-Inħawi- Kunsill Lokali Swieqi u ġurnali oħrajn.
3. Esprit Barthet - L-Arti Tiegħu - Mario Azzopardi 1973.
4. Contemporary Sacred Art in Malta - Exh. Catalogue 1994.
5. Women in Maltese Art c 1600-1995 - Exh. Catalogue 1995.
6. First Biennal of Christian Art in Maltese Islands. Exh. Cat. 1996.
7. Maltese Biographies of the 20th Century. Ed. MJ. Schiavone, L.J. Scerri 1997.
8. Middle Sea Insurance plc. Calendar 2000.
9. J.B. Stamp Catalogue 1990.
10. Esprit Barthet - Portraits - K. Wain N.M.F.A.M. 2000 Exh. Catalogue.
11. Ħajr lil Patri Franġisku; Deborah u Franco Agius.